bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Carlo Ellul)
vs
Godfrey Gambin, iben Godfrey,
imwieled Attard fl-10 ta' april,
1976

Illum, 10 ta' ġunju, 2002

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat –

1. talli fit-30 ta' marzu, 2002 għal ħabta tas-6.30 p.m. ġewwa l-ground nazzjonali, Ta' Qali, inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PC342 Johan Said, persuna nkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien jagħmel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbezzgħu jew li jinflwixxu fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew ħebb, ta' xorta li ma titqiesx bħala vjolenza pubblika, kontra l-istess PC342 Johan Said, persuna nkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li din il-persuna kienet qed taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ħebb kontra persuna sabiex jinġurjha, jdejjaqha jew jagħmel ħsara lilha jew lil ħaddieħor kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispozizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ma obdiex l-ordnijiet mogħtija lilu mill-pulizija.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-10 ta' ġunju, 2002 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' ġunju, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 95, 96, 338(dd)(ee) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' tlett mitt liri maltin (Lm300). Inoltre, tinibih għal żmien sitt xhur mill-1 ta' awissu, 2002 li jidħol fi kwalunkwe ground tal-football f'dawn il-Gżejjer.